**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tal-24 ta' Marzu, 2017

Talba Numru: 305/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 43

**Express Aluminium Limited (C6658)**
**Triq l-Imdina,**
**Zebbug MALTA**

**Vs**

**Lucoma Limited (C59531)**
**C/o International Meats Limited,**
**Triq Gdida fi Triq il-Handaq,**
**Qasam Industrijali tal-Handaq,**
**Qormi QRM 4000**

It-Tribunal,

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-03 ta' Awwissu, 2011 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand is-Socjeta' konvenuta fl-ammont ta' elf mija u tmintax-il ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,118.88c)

rapprezentant hlasijiet dovuta ghal konsenja ta' xoghol ta' aluminium fuq ordni tal-istess Socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-Socjeta' konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nzammu quddiemha.

Ra l-verbal tal-10 ta' Novembru, 2016 li permezz tieghu l-Avukat tas-Socjeta' konvenuta kkonferma li s-Socjeta' konvenuta hija kontumaci.

Ra l-affidavit ta' John Camilleri in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li permezz tieghu spjega li dan kien bilanc ta' xoghol ta' aluminium li ghamlet is-Socjeta' attrici lis-Socjeta' konvenuta u li kif kull darba tghid li ser tissalda dan l-ammont izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ra l-affidvit ta' Dr Frank Cassar konsulent legali tal-istess Socjeta' a fol 20 li spjega li r-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta Giuseppe Trapani ammetta quddiemha li l-ammont huwa dovut li ried ftit jiem bien ihallas. Li minkejja li huwa baghat ittra bonarja, ittra ufficjali u anke intavola mandat ta' sekwestru s-Socjeta' konvenut baqghet ma hallsitx dan l-ammont.

Ra l-verbal a fol 21 li permezz tieghu dan it-Tribunal halla l-kawza ghat-trattazzjoni ghas-seduta tal-24 ta' Frar 2017.

Ra n-nota ta' referenzi esebita mis-Socjeta' attrici.

Ra li fis-seduta tal-24 ta' Frar 2017 hadd mill-partijiet ma tratta u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ra d-dokumenti kollha esebiti

Ikkonsidra

Li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata u ghalhekk dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u tmintax-il ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,118.88c) bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 2015 sad-data tal-hlas eventwali kontra l-istess Socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u tal-mandat ta' sekwestru a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**